# Bolol Ġużeppini bejn l-1980 u l-1986

Joseph C. Camilleri
BA., DEAM., M.Ed(Pl & Mgt)



Is-sena 1980 hija importanti fl-istorja tal-bolol Maltin għaliex id-disinjatur ġgant tal-bolla Maltija – il-Kavallier E.V. Cremona għamel l-aħħar disinji tiegħu għall-ewwel sett ta' dik is-sena. Dan is-sett kien l-aħħar tas-sensiela tal-arazzi flamini. Waqt li l-Kavallier ħareġ mix-xena daħlu diversi artisti. Kien hemm artisti li kien ilhom stabbiliti fix-xena artistika Maltija bħal Vincent Apap, Frank Portelli u Antoine Camilleri. Kien hemm oħrajn ġodda bħal Harry Borg, Tony Bugeja u Joseph L. Mallia.

**Is-sett tal-Milied tal-1980**




L-ewwel sett bolol, li deher fuqu San Ġużepp, f'dak iż-żmien kien is-sett tal-Milied tas-sena 1980. Dan is-sett kien juri opra importanti tal-arti Maltija kontemporanja, xogħol ta' Anton Inglott (1915-1945). Din l-opra tal-arti hija trittika jiġifieri maqsuma fi tliet xeni – it-Tħabbira tal-Anġlu, it-Tqala ta' Marija Santissima u t-Twelid ta' Sidna Ġesù. Illum din ix-xogħol jinsab fil-Muża. Kien membru tal-familja tal-mara tal-artist, li adotta dan ix-xogħol għal fuq il-bolol – Raymond Pitrè. Pitrè ħoloq erba' bolol. Kull xeni dehret fuq bolla differenti, waqt it-trittiku deher fuq l-għola valur. San Ġużepp deher fuq il-bolla ta' 8c+1c5 u fuq l-bolla ta' 12c+3c. Il-bolol tal-valur żgħar ġew stampati fuq folji ta' 50 bolla waqt l-għola valur ġiet stampata fuq folji ta' 40 bolla[1].

Ix-xena tat-Twelid ta' Ġesù li għamel Anton Inglott hija waħda mill-isbaħ xeni tal-lejl tal-Milied li għandna fl-arti Maltija. Il-qalba tax-xena hu l-Bambin. Għalkemm il-Bambin hu żgħir, permezz tal-figura tal-Verġni Marija, din it-Tarbija tiġi mogħtija l-qalba tax-xena. San Ġużepp jinsab fuq il-ġenb tal-Madonna u l-Bambin. Bħala bilanċ fuq in-naħa oħra hemm żewġ anġli u fil-parti t'isfel vazun. It-timbru li ntuża għall-*First Day Cover* huwa figura anġelika meħuda minn din ix-xena. Raymond Pitrè ħoloq sensiela ta' stilel żgħar żgħar fuq kull naħa tal-figura anġelika, b'hekk ħoloq bilanċ, ħaġa importanti għat-timbru postali, aktar għal fuq *First Day Cover.*

**Is-sett tal-Milied tas-sena 1982**

Il-posta Maltija ddedikat is-sett bolol tal-Milied tas-sena 1981 għall-drawwiet Maltin – il-presepju, id-demostrazzjoni tal-lejlet il-Milied[2] u l-prietka tat-tifel. San Ġużepp ma deherx fis-sett bolol. Fis-sena ta' wara deher disinn orġinali ta' Joseph L. Mallia. Mallia ħoloq disinn fejn għaqad l-istorja taż-żjara tar-ragħajja ma' dik tal-Maġi. Kienu elementi Maltin bħas-swar bil-gardjola u knisja tipikament Maltija. Jidher ukoll il-ħajt tas-sejjieħ u s-siġra tal-bajtar tax-xewk. Qisu t-twelid ta' Ġesù ma sarx f'Betlem iżda Malta. Id-disinn inqasam fi tnejn u deher fuq żewġ




bolol differenti. San Ġużepp deher fuq it-tieni bolla bħala parti mill-persunaġġi tal-għar u naturalment deher mill-ġdid bħala parti mid-disinn ġenerali fuq l-għola valur. It-timbru għall-*First Day Cover* ta' dan is-sett kien fih il-knisja Maltija u stilla kbira[3].

**Is-sett tal-1983**

Il-posta Maltija reġgħet marret lura għat-teżori artistiċi li għandna Malta. Il-mira, din id-darba, kien ktieb tas-Siegħat. Dan il-ktieb li jinsab parti mill-kollezzjoni tal-Bibjoteka Nazzjonali, kien tal-Balì de Breteuil. Dan kien kavallier Franċiż li serva fl-Ordni bħala ambaxxatur tal-Ordni għas-Santa Sede. Fuq

tliet bolol li kienu jifformaw dan is-sett dehru tliet xeni minn dan il-manuskritt prezzjuż. San Ġużepp deher fuq it-tieni u t-tielet bolla. Fuq it-tieni bolla naraw xena tat-Twelid ta' Ġesù. Skont din ix-xena tal-manuskritt it-twelid sar ġo dar medjovali. Il-Madonna poġġiet lit-tarbija divina fl-art fuq parti




mill-mantar kbir tagħha. San Ġużepp għandu lbies medjovali. Fuq wara l-Madonna hemm żewġ figuri. It-tielet xena naraw l-adorazzjoni tal-Maġi. Mill-ġdid l-adorazzjoni saret f'dar medjovali. Il-Familja Mqaddsa tinsab fil-ġenb. Il-Madonna u l-Bambin jinsabu fuq tron aħmar waqt li San Ġużepp jinsab bilwieqfa. Wieħed mill-Maġi jinsab għarkupptejh waqt li t-tnejn l-oħra jinsabu jistennew biex joffru r-rigali tagħhom.

It-tieni valur tas-sett ħareġ fuq kartolina Massima (*Maximum Card*). Din kellha n-numru 3. Fuq din il-kartolina l-filatelisti poġġew il-bolla tat-tieni valur li ġiet kanċellata bit-timbru speċjali. Ix-xeni ta' dan il-manuskritt ġew adottati għal fuq il-bolol minn Norbert Attard. Il-bolol ġew stampati fuq folji ta' 40 bolla. It-timbru tas-sett ma kellux x'jaqsam max-xeni ta' dan il-manuskritt għaliex juri xemgħa tixgħel[4].

### Is-sett tal-Milied tal-1984

Fl-1984 il-posta reġgħet ħasbet fil-wirt Malti artistiku. Din id-darba kienu t-tliet inkwatri li jinsabu jsebbħu l-kor tal-knisja tal-Madonna ta' Porto Salvo fil-Belt Valletta. Dawn huma xogħol Pietro Paolo Caruana (1793-1852) u ibnu Raffaele (1820-1886). Is-sett kien jikkonsisti minn tliet bolol – Iż-żjara ta' Marija Santissima lil Elizabetta, l-Adorazzjoni tal-Maġi u s-sejba ta' Ġesù fit-tempju. San Ġużepp deher fuq il-bolla tal-Adorazzjoni tal-Maġi (bolla b'valur ta' 8c+2c) u dik tas-Sejba fit-Tempju (bolla b'valur ta' 20c+3c). Luciano Micallef addatta dawn il-bċejjeċ tal-pittura kbira għal fuq il-bolol. Dawn il-bolol, billi kienu bolol xi ftit kbar ġew stampati mid-ditta Maltija Printex Limited fuq folji ta' 40 bolla. Ta' min jgħid li l-pittura li turi l-Adorazzjoni tal-Maġi



hija kunsidrata mill-kritiċi tal-arti Maltija bħala waħda mill-aqwa xogħlijiet ta' dan l-artist Malti[5].

### Is-sett tal-1986

Għas-sett tal-bolol tal-Milied kien hemm biċċa xogħol magħmula mit-tafal mill-iskultur Ġanni Bonnici. San Ġużepp ma deherx f'dan ix-xogħol. Iżda fis-sett tal-bolol tal-1986 San Ġużepp deher fuq il-bolol kollha – it-tlieta li huma. Is-sett kien dedikat liż-żewġ xogħlijiet ta' Giuseppe D'Arena (ċ1633-1719) li jinsab fis-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Dawn ix-xogħlijiet juru t-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu u l-Adorazzjoni tal-Maġi. Iż-żewġ inkwatri dehru fuq żewġ bolol separati, dawk ta' 2c+1c u 20c+3c. Il-bolla ta' 8c+2c



kienet turi detall tal-pittura tat-Twelid. Dan is-sett kien tislima lil Giuseppe D'Arena li kien wieħed mill-aqwa esponenti tal-arti Maltija matul is-seklu 17. Ta' min jgħid li l-għola bolla kienet turi waħda mill-aqwa xogħlijiet ta' dan l-artist[6].

### Konklużjoni

Dawn il-ħames settijiet tal-bolol tal-Milied saru fuq adozzjoni għal fuq il-bolol minn artisti li wara għamlu isem – Raymond Pitrè, Joseph L. Mallia, Norbert Attard u Luciano Micallef. Il-bolol kollha ġew stampati Ħal Qormi fl-istamperija Printex Limited. Ħafna mill-bolol ġew stampati fuq folji ta' 50 bolla iżda meta kien hemm bżonn ta' bolla xi ftit ikbar il-folji kien ikun fihom 40 bolla.

Nieħu l-okkażjoni biex nawgura l-festa t-tajba lill-ġużeppini kollha, sena li qed infakkru l-150 sena minn meta San Ġużepp ġie dikjarat Patrun tal-Knisja Universali.

### Referenzi

[1] The Malta Stamp, Official Bulletin of the Malta Philatelic Bureau, Nru 41, September 1980.

[2] Ħafna Maltin jirreferu għal din l-manifestazzjoni bħala l-purċissjoni tal-Bambin.

[3] The Malta Stamp, official Bulletin of the Philatelic Bureau, Nru 54, September 1982.

[4] The Malta Stamp, official Bulletin of the Philatelic Bureau, Nru 60, August 1983.

[5] Buhagiar M., The iconography of the Maltese Islands 1400-1900, painting, Litonova of Scanzorosciate, Italy, 1987, p 165.

[6] Buhagiar M., The iconography of the Maltese Islands ... op cit, p 109.